**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 4 ta' Ottubru 2021**

**Rikors Numru 45/2019**

**Louis Borg**

**Vs**

**Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija u b'digriet tad-19 ta' Novembru 2019 ġie kjamat fil-kawża l-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Louis Borg** ippreżentat fil-21 ta' Mejju 2019 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*"1. Illi r-rikorrenti applika mal-Bord intimat sabiex jingħatalu warrant ta' inġinier skont it-termini tal-Att (minn hawn 'il quddiem imsejjah biss bħala "l-Att") dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kapitlu 321 tal-liġijiet ta' Malta).*

*2. Illi b'email datata l-1 ta' Frar 2019, ir-rikorrenti ġie nfurmat illi "... you have not presented an academix 1st degree for the Board's consideration. Your academic qualifications at MQF Level 6 or higher only indicate a MSc in Sustainable Energy which in the absence of an undergraduate degree in Engineering is not eligible".*

*3. Illi b'email datata 4 ta' Frar 2019, ir-rikorrenti, għar-raġunijiet minnu mfissrin fl-istess email, talba biex dik id-deċiżjoni tiġi riveduta.*

*4. Illi b'email ieħor datat 3 ta' Mejju 2019, il-Bord intimat avża lir-rikorrenti – għar-raġunijiet hemmhekk esposti – illi "... the Board stands by its final decision dated 1st February 2019". L-iskambju ta' korrispondenza fuq riferita qed tiġi esebita flimkien mar-rikors odjern bħala "Dok A".*

*5. Illi r-rikorrenti jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord intimat, notifikata lilu bir-raġunijiet tagħha fit-3 ta' Mejju 2019, u għalhekk qed jinterponi umli appell minnha a tenur tal-Artikolu 7A tal-Att.*

*6. Illi l-aggravju tar-rikorrenti huwa ċar u manifest, billi l-Bord intimat ma kellux jiċħad l-applikazzjoni tiegħu, u dan għar-raġunijiet li se jiġu mfissrin aħjar permezz tal-paragrafi li ġejjin.*

*7. Illi l-Att jipprovdi li huwa "persuna li tkun kisbet grad fl-inġinerija mill-Universita' ta' Malta jew minn istitut barrani magħruf bħala ekwivalenti". Min-naħa l-oħra, "professjoni ta' nġinier" hija mfissra bħala "il-professjoni eżerċitata minn inġinier li jkun detentur ta' warrant". Il-qari ta' dawn iż-żewġ definizzjonijiet flimkien ifisser li persuna hija nġinier minħabba li jkollha grad fl-inġinerija biss. Il-warrant, allura, m'huwiex dak li jrendi persuna "inġinier", għaliex il-warrant jippermetti d-detentur tiegħu li jipprattika l-professjoni ta' inġinier. Għalhekk, huwa evidenti li l-liġi tpoġġi l-enfażi prinċipali fuq min huwa nġinier fuq l-akkademja posseduta minn dik il-persuna, mentri l-warrant jikkostitwixxi kontroll fuq min huwa permess li jerżerċita l-professjoni ta' inġinier. Dan huwa fortifikat minn qari tal-Artikolu 3(1) tal-Att.*

*8. Illi l-artikolu 3(2) tal-Att imbagħad jagħti l-kriterji li a bażi tagħhom, dik il-persuna li tkun inġinier għandhiex tingħata l-warrant ta' inġinier. Dawk li jinteressaw lil dan l-appell huma kontenuti fil-paragrafu (d) tal-artikolu 3(2), u jgħidu dan li ġej:*
*(d) tkun issodisfat lill-Bord li –*
*(i) ikollha dak il-grad tal-Universita' ta' Malta jew kwalifika akkademika ekwivalenti dwar il-professjoni tal-inġinerija li t-tnejn li huma, fiż-żmien rilevanti, ikunu rikonoxxuti mill-Bord bħala suffiċjenti għall-għanijiet ta' dan l-artikolu;*
*(ii) għal perjodu ta' mhux anqas minn sena qabel jew wara li tkun otteniet il-kwalifika msemmija fis-subparagrafu (i) tkun għamlet taħriġ prattiku fl-inġinerija approvat mill-Bord; u*
*(iii) għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn wara li tkun otteniet il-kwalifika msemmija fis-sub-paragrafu (i) tkun tħarrġet fil-prattika tal-professjoni that is-sorveljanza ta' nġinier li jkun fil-prattika*

*9. B'mod partikolari, jidher illi l-Bord ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-konklużjoni – żbaljata kif se jintwera fit-trattazzjoni ta' dan l-appell – illi r-rikorrenti ma għandux grad tal-Universita' ta' Malta jew kwalifika akkademika ekwivalenti dwar il-professjoni tal-inġinerija li t-tnejn li huma, fiż-żmien rilevanti, jkunu rikonoxxuti mill-Bord bħala suffiċjenti għall-għanijiet ta' dan l-artikolu.*

*10. Illi d-deċiżjoni tal-Bord intimat li r-rikorrenti ma jissodisfax il-kriterju espost fil-paragrafu preċedenti hija żbaljata għaliex:*
*(i) fl-ewwel lok, billi l-Bord irraġonevolment mhux jagħraf li l-grad possedut mir-rikorrenti, u cioe' "M.Sc in Sustainable Energy", u lilu mogħti mill-Universita' ta' Malta, huwa grad fl-inġinerija li huwa suffiċjenti għall-finijiet tal-artikolu 3(2) tal-Att.*
*Dan qed jingħad li huwa rraġonevoli għaliex il-liġi mkien ma tillimita l-grad universitarju meħtieġ għal wieħed undergraduate, u ad esklużjoni ta' oħrajn postgraduate, li huma addirittura ta' livell akkademiku ogħla. L-uniku kwalifika li*

*tagħmel il-liġi hija li tali grad irid ikun "dwar il-professjoni tal-inġinerija", li hija kwalifika loġika u raġonevoli, għall-kuntrarju ta' dik addottata mill-Bord intimat;*
*(ii) fit-tieni lok, u dejjem bla ħsara għall-premess, ir-rikorrenti ottjena wkoll diversi kwalifika oħrajn li kellhom jitqiesu li huma biżżejjed għall-finijiet tal-liġi. Dawn huma:*
*-Industrial Electronics Diploma, mill-Istitut ta' Taħriġ Fellenberg*
*-Microelectronics T5 Full Tech, ma' City & Guilds*
*-Telecommunication Technician Course*
*Kemm hu hekk, dawn l-istess kwalifiki ġew aċċettati mill-Universita' ta' Malta sabiex ir-rikorrenti jiġi ammess għall-kors ta' Masters of Science (M.Sc) in Sustainable Energy, liema kors huwa temm b'suċċess, u dan meta kien kriterju għall-ammissjoni f'dak il-kors li kull applikant ikollu grad fl-inġinerija, fix-xjenza jew fl-arkitettura, jew kwalifiki akkademiċi oħrajn komparabbli.*

*11. Illi għalhekk il-Bord intimat żbalja, u għalhekk qed isir dan l-appell.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti, filwaqt li jirriserva li jressaq provi skont il-liġi u filwaqt li jirriserva wkoll li jressaq sottomossjonijiet oħrajn waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, umilment jitlob lil dan ir-rispettabbli Tribunal jogħġbu jilqa' dan l-umli appell u għalhekk iħassar, jirrevoka u jikkanċella d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord intimat dwar l-applikazzjoni tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' warrant ta' nġinier, u komunikata bir-raġunijiet lir-rikorrenti fit-3 ta' Mejju 2019, u minflok jgħaddi biex jordna lill-Bord joħroġ tali warrant lir-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-Bord intimat."*

Ra r-risposta tal-**Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija** ippreżentata fl-14 ta' Ġunju 2019 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

*1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija mhux leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Il-Bord huwa awtorita' b'setgħat kważi-ġudizzjarji, filwaqt li l-membri tal-Bord m'għandhomx jitħarrku biex iwieġbu għall-għemil ġudizzjarju tagħhom u din l-immunita' mhix xi privileġġ tagħhom iżda hija meħtieġa għall-ħarsien tal-indipendenza tagħhom (ara <u>Gatt Tarmac Limited vs. Kunsill Lokali ta' Victoria (Għawdex) et</u> deċiż nhar is-7 ta' Awwissu 2013 mill-Qorti tal-Appell; u <u>Waste Collection Limited vs Il-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubbliċi et</u> deċiż nhar id-29 ta' Novembru 20136, Qorti tal-Appell);*
*2. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bil-qawwa għaliex il-Bord mexa strettament fuq il-parametri tal-liġi u cioe' tal-Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija);*

*3. Illi din id-deċiżjoni hija dwar l-applikazzjoni tar-rikorrent għal warrant sabiex ikun jista' jeżerċita l-professjoni ta' nġinier. Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija nforma lir-rikorrent permezz ta' email datata l-1 ta' Frar 2019 illi l-applikazzjoni tiegħu għal warrant ta' inġinier ġiet miċħuda ai termini tal-art.3(2)(d)(i) tal-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kap.321) stante li r-rikorrent m'huwiex fil-pussess ta' kwalifika akkademika ekwivalenti dwar il-professjoni tal-inġinerija li, fiż-żmien rilevanti, hija rikonoxxuta mill-Bord bħala suffiċjenti;*

*4. Illi kuntrarjament għal dak li qed jintqal mir-rikorrent, persuna m'hijiex inġinier minħabba li jkollha grad fl-inġinerija biss, u fil-fatt tant hu hekk illi ai termini tal-artikolu 4(1) tal-Kap. 321, detentur ta' warrant biss jista' juża l-isem ta' "Inġinier"*

*jew l-abbrevjazzjoni tiegħu "Ing" flimkien ma' ismu. Dan ifisser li m'huwiex biżżejjed li wieħed ikun fil-pussess ta' kwalifika akkademika biss sabiex jitqies bħala nġinier;*

*5. Illi għalhekk id-definizzjoni li tingħata mil-liġi fl-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kap 321) għandha tinqara flimkien mad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-istess Att li juru biċ-ċar x'hemm bżonn sabiex wieħed jitqies li għandu l-professjoni ta' nġinier;*

*6. Illi r-rikorrent qed jargumenta illi l-kwalifiki illi huwa għandu ġew aċċettati mill-Universita' ta' Malta sabiex jiġi ammess għall-kors ta' Masters of Science (M.Sc) in Sustainable Energy, liema kors jirrikjedi grad fl-inġinerija, fix-xjenza jew fl-arkitettura, jew kwalifiki akkademiċi oħrajn komparabbli. Fuq dan il-punt l-esponent isostni illi hemm differenza bejn dak li taċċetta l-Universita' ta' Malta sabiex wieħed ikun jista' japplika għall-kors ta' Masters of Science (M.Sc) in Sustainable Energy u r-rekwiżiti sabiex wieħed ikun jista' jsegwi l-kors tal-Inġinerija, speċjalment f'dak li jirrigwarda kwalifika akkdemiċi oħrajn komparabbli.*
*Għaldaqstant, l-esponent, filwaqt li jirriserva d-dritt li jagħmel dawk is-sottomissjonijiet u jipproduċi x-xhieda u dokumenti permessi mil-liġi, jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jirrespinġi r-rikors intavolat mir-rikorrent, u dana bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Ra illi permezz ta' digriet datat 19 ta' Novembru 2019 ġie kkjamat in kawża l-**Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali** li ppreżenta risposta fit-3 ta' Frar 2020 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi l-esponent ġie kjamat in kawża permezz ta' digriet ta' dan l-Onorabbli Tribunal datat 19 ta' Novembru 2019;*

2. *Illi, għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bil-qawwa għaliex il-Bord mexa strettament fuq il-parametri tal-liġi u ċjoe tal-Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija);*

3. *Illi d-deċiżjoni tal-Bord hija dwar l-applikazzjoni tar-rikorrent għal warrant sabiex ikun jista' jeżerċita l-professjoni ta' inġinier. Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija informa lir-rikorrent permezz ta' e majl datata l-1 ta' Frar 2019 illi l-applikazzjoni tiegħu għal warrant ta' inġinier ġiet miċħuda ai termini tal-art.3(2)(d)(i) tal-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kap.321) stante li r-rikorrent mhuwiex fil-pussess ta' kwalifika akkademika ekwivalenti dwar il-professjoni tal-inġinerija li, fiż-żmien rilevanti, hija rikonuxxuta mill-Bord bħala suffiċjenti;*

4. *Illi kuntrarjament għal dak li qed jintqal mir-rikorrent, persuna mhijiex inġinier minħabba li jkollha grad fl-inġinerija biss, u fil-fatt tant hu hekk illi ai temini tal-artikolu 4(1) tal-Kap. 321, detentur ta' warrant biss jista' juża l-isem ta' "Inġinier" jew l-abbrevjazzjoni tiegħu "Inġ" flimkien ma' ismu. Dan ifisser li mhuwiex biżżejjed li wieħed ikun fil-pussess ta' kwalifika akkademika biss sabiex jitqies bħala inġinier;*

5. *Illi għalhekk id-definizzjoni li tingħata mil-liġi fl-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kap 321) għandha tinqara flimkien mad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-istess Att li juru biċ-ċar x'hemm bżonn sabiex wieħed jitqies li għandu l-professjoni ta' inġinier;*

6. *Illi r-rikorrent qed jargumenta illi l-kwalifiki illi huwa għandu ġew aċċettati mill-Università ta' Malta sabiex jiġi ammess għall-kors ta' Masters of Science (M.Sc) in Sustainable Energy, liema kors jirrikjedi grad fl-inġinerija, fix-xjenza jew fl-arkitettura, jew kwalifiki akkademiċi oħrajn komparabbli. Fuq dan il-punt l-esponent isostni illi hemm differenza bejn dak li taċċetta l-Universita' ta' Malta sabiex wieħed ikun jista' japplika għall-kors ta' Masters of Science (M.Sc) in Sustainable Energy u r-rekwiżiti sabiex wieħed ikun jista' jsegwi l-kors tal-Inġinerija, speċjalment f'dak li jirrigwarda kwalifiki akkademiċi oħrajn komparabbli;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Sema' x-xhieda prodotti mill-partijiet;

Ra l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ra n-Noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Bord tal-Professjoni ta' l-Inġiniera (aktar 'l isfel "il-Bord") kontenuta f'emejl datata 3 ta' Mejju 2019 li kkonfermat il-kontenut ta' emejl tal-1 ta' Frar 2019 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi t-talba tiegħu għall-*warrant* ta' Inġinier ma kinitx ġiet milqugħa għas-segwenti raġunijiet, u *cioe`*, *"you have not presented an academic 1st degree for the Board's consideration. Your academic qualifications at MQF Level 6 or higher only indicate a MSc in Sustainable Energy which in the absence of an undergraduate degree in Engineering is not eligible."*

Illi t-Tribunal qabel xejn se jgħaddi biex jinvesti l-ewwel eċċezzjoni tal-Bord intimat, u *cioe`*, jekk l-istess Bord huwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet imressqa mir-rikorrent.

Illi l-funzjonijiet tal-Bord intimat jemanu minn artikolu 7 tal-Att Dwar l-Inġiniera[1] (aktar 'isfel imsejjaħ "l-Att") fosthom li ***"jikkunsidra***

---

[1] Preċedentement, fiż-żmien li ġie intavolat dan ir-rikors, magħruf bħala Att Dwar il-Professjoni tal-Inġinerija

***applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' warrant."***[2] Illi mbagħad ai termini tal-artikolu 7A tal-istess Att, id-deċiżjonijet tal-Bord jistgħu jiġu appellati quddiem dan it-Tribunal. It-Tribunal, da parti tiegħu, jista' jikkonferma, jvarja, totalment jew parzjalment, id-deċiżjoni tal-Bord.

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-appelli quddiemu huma ta' natura *sui generis* għaliex joħroġu minn għadd ta' liġijiet speċjali. It-Tribunal jirrileva illi in fatti, meta wieħed jappella, lanqas ma hemm bżonn li jipproċedi b'att ġudizzjarju qabel jippreżenta l-appell tiegħu, għalkemm l-appell ikun intavolat kontra awtorita` pubblika. Dawn l-appelli għandhom ikunu ta' natura spedittiva u l-awtoritajiet pubbliċi m'għandhomx jinqdew bl-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur sakemm din ma tkunx pależement ġustifikata.

Il-Bord, imwaqqaf skont il-provvedimenti tal-Kapitolu 321 ġie mogħti bil-liġi funzjonijiet speċifiċi li, *inter alia*, jinvestuh bil-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkonsidra applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' *warrant* ta' Inġinier u li, fiż-żmien tal-applikazzjoni in kwistjoni, jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwarhom lill-Ministru. Il-*warrant* għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' Inġinier mbagħad kien jinħareġ mill-Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni ta' dan il-Bord ***"lil kull persuna li tissodisfa inter alia l-ħtiġijiet tal-artikolu 3(2), u, fejn ikunu japplikaw, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(3) u (4)."***[3] Dan ifisser mhux biss li l-Ministru ma kellu l-ebda diskrezzjoni fl-għoti ta' *warrant* u kien jiġi gwidat unikament bir-rakkomandazzjoni tal-Bord, imma wkoll li il-Bord kien l-unika awtorita' kompetenti biex jiddeċiedi min kien jikkwalifika biex jeżerċita l-professjoni ta' Inġinier. Illum il-ġurnata bl-emendi riċenti fl-Att, il-Bord huwa l-uniku entita` li tevalwa u toħroġ il-*warrant*.

Illi għalhekk dan it-Tribunal filwaqt li jaqbel li l-membri individwali tal-Bord m'għandhomx jitħarrku biex iwieġbu għal għemil ġudizzjarju, kif fil-fatt ma sarx f'dan il-każ, huwa tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi l-Bord intimat huwa l-leġittimu kontradittur għax hija deċiżjoni diretta tiegħu li r-rikorrent qiegħed jappella minnha u jekk eventwalment ikun hemm xi deċiżjoni minn dan it-Tribunal li tvarja d-deċiżjoni tal-Bord din trid tiġi implimentata mill-istess Bord. It-Tribunal ma jqisx, kif sottomess mill-Bord, illi huwa awtorita` b'setgħat kważi-ġudizzjarji jew addirittura tribunal amministrattiv. Il-Bord intimat huwa awtorita` pubblika[4] li, fost oħrajn, tirregola l-għoti ta' *warrants* lill-Inġiniera. Kwindi n-natura tal-

---

[2] Permezz tal-Att XXI tal-2020 il-Bord ngħata s-setgħa esklussiva li jikkunsidra u jagħti l-*warrant*. Qabel din l-emenda l-Bord kellu biss is-setgħa li jikkunsidra u jirrakomanda lill-Ministru li joħroġ il-*warrant*

[3] Artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 321 qabel ma ġie emendat bl-Att XLVIII tal-2021. Illum il-ġurnata il-*warrant* jinħareġ mill-Bord

[4] Ara artikolu 469A (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

istess Bord hija waħda regolatorja u mhux ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja. Dan a differenza tal-entitajiet ikkwotati mill-Bord intimat u mill-Ministru kjamat in kawża fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, u *cioe`* **Gatt Tarmac Limited v. Kunsill Lokali ta' Victoria (Għawdex); id-Direttur tal-Kuntratti; iċ-Chairman tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi**,[5] fejn f'dan il-każ il-Qorti qieset lill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti bħala tribunal amministrattiv, kif fil-fatt hu, u l-każ ta' **Waste Collection Limited vs Il-Bord tal-Appelli Dwar Kuntratti Pubbliċi et**[6] fejn wieħed mill-intimati kien appuntu l-Bord ta' Reviżjoni Dwar Kuntratti Pubbliċi, u *cioe`*, huwa Tribunal Amministrattiv ai termini tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwindi, siccome` l-Bord intimat la huwa tribunal amministrattiv u lanqas entita` ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja, huwa l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Dan kollu ġie aktar imsaħħaħ bl-emendi permezz tal-Att XXI tal-2020, li kif diġa ingħad, ikkonferixxa fuq il-Bord intimat is-setgħa tal-ħruġ tal-*warrant*, liema setgħa qabel kienet f'idejn il-Ministru. Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni qiegħdha tiġi miċħuda.

Illi għalhekk it-Tribunal se jgħaddi biex jinvesti l-mertu tal-kwistjoni, u *cioe`* jekk id-deċiżjoni tal-Bord kinitx waħda ġusta jew le fiċ-ċirkostanzi kif ippreżentati quddiem dan it-Tribunal.

**Provi**

**Il-Professur Duncan Camilleri**, Kap tad-Dipartiment tal-Inġinerija Mekkanika fi ħdan il-Fakulta` tal-Inġinerija ġewwa l-Universita ta' Malta, spjega li t-titolu ta' *Chartered Engineer* mill-istituzzjonijiet Ingliżi mhux ekwivalenti għall-*warrant* ta' Inġinier hawn Malta. Jispjega li mill-esperjenza personali tiegħu biex wieħed jottjeni l-kwalifika ta' *Chartered Engineer* irid ikollu *undergraduate degree* u kwalifika f'livell ta' *Masters* kif ukoll mill-inqas erba' snin esperjenza fl-industrija. Jispjega li pero` *Chartered Engineer* m'għandux l-istess responsabbiltajiet legali bħal ma għandu *warranted engineer* hawn Malta.

Fir-rigward tal-kors *Masters of Science in Sustainable Energy*, ix-xhud spjega illi dan il-kors joffrih l-*Institute of Sustainable Energy* u li l-Fakulta` tal-Inġinerija joffru xi *study units* fih. Jispjega li dan il-kors mhuwiex kors tal-inġinerija.

**Dr. Stefan Sant,** Kap tal-*Malta Qualifications Recognition Information Centre*, spjega li ottjenew informazzjoni mill-Ingilterra li kemm l-

[5] Qorti ta' l-Appell (Superjuri) 7 ta' Awwissu 2013
[6] Qorti ta' l-Appell (Superjuri) 29 ta' Novembru 2013

*Incorporated Engineer* u *c-Chartered Engineer* huma kwalifiki akkademiċi. Mistoqsi jekk humiex ukoll rikonoxxuti bħala kwalifiki professjonali, ix-xhud wieġeb li seta' jiċċekkja. Għalhekk f'seduta sussegwenti huwa ppreżenta komunikazzjoni mal-*counterpart* tiegħu ġewwa l-Ingilterra li nfurmatu bis-segwenti : *"The titles of chartered engineer and incorporate engineer are regulated by the Engineering Council which authorises a number of progessional engineering institutions to award a title on his behalf."*[7]

**Ir-rikorrent** xehed illi wara li għamel kors tekniku fit-*telecoms* u diploma fil-Fellenberg Training Centre, huwa studja affarijiet differenti waħdu f'diversi pajjiżi sakemm eventwalment għamel *Masters* fl-Universita` ta' Malta. Żid jgħid ukoll illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri kien qiegħed jagħmel PhD fuq *heat transfer*. Jispjega illi huwa ottjena t-titolu kemm ta' *Incorporated Engineer* u eventwalment ukoll ta' *Chartered Engineer* mill-*Engineering Council* ġewwa l-Ingilterra. Sussegwentement applika u ottjena wkoll it-titolu ta' *Euro Engineer*. Huwa jsostni li l-*Incorporated Engineer* hija ekwivalenti għal *first degree* fl-inġinerija u dana skont id-direttiva 2005/36 kif emendata bid-Direttiva 2013/55. Jispjega li artikolu 11 (e) tal-istess Direttiva hija ċara daqs il-kristall li jekk wieħed ikun *Incorporated Engineer* suppost li jiġi rikonoxxut bħala Inġinier hawn Malta. Huwa spjega wkoll b'liema mod ottjena t-titolu ta' *Incorporated Engineer, Chartered Engineer u Euro Engineer.*

**Dr. Noel Camilleri**, *Chairman* tal-Bord intimat, spjega li r-rekwiżiti biex wieħed japplika għall-*warrant* ta' Inġinier huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Bord. Huwa spjega li t-titolu ta' *Chartered Engineer* mhux ekwivalenti għal *Bachelor's Degree in Engineering*.

Il-**Professur Simon Fabri**, Inġinier u membru tal-Bord, spjega illi n-*National Commission for Further and Higher Education* ma jidħlux fid-dettal tal-kontenut tal-kors dwar liema jagħtu livell. Jispjega li t-titolu ta' *Incorporated Engineer* u *Chartered Engineer* mhumiex kwalifiki akkademiċi u għalhekk mhumiex rikonoxxuti ai fini ta' *warrant* stante li l-liġi Maltija tistipula li min japplika irid ikollu kwalifika akkademika mill-Universita ta' Malta jew ekwivalenti.

In kontro-eżami spjega illi meta ġew biex jevalwaw l-applikazzjoni tar-rikorrent huma ħarsu lejn l-informazzjoni kollha sottomessa minnu pero` sabu li l-kwalifiki akkademiċi ma kinux jekwiparaw għal Baċellerat fl-Inġinerija. Jispjega li l-Bord ma kkunsidrax iċ-ċertifikati tal-*Incorporated Engineer, Chartered Engineer,* u *EUR ING*. Jgħid li pero`

[7] Dokument SS1 a fol. 51

dawn iċ-ċertifikati ma kinux se jagħmlu differenza għaliex il-kwalifiki akkademiċi tar-rikorrent ma kinux jissodisfaw il-kriterji tal-liġi. Jispjega li fil-każ tar-rikorrent il-kwalifika taċ-*Chartered Engineer* ma kien hemm xejn x'jindika li din ingħatat fuq bażi ta' *degree* akkademika. Madankollu spjega illi l-Bord ra kull informazzjoni sottomessa mir-rikorrenti, u *cioe`* kull materjal akkademiku li seta' anke wassal biex ir-rikorrenti ottjena l-kwalifiki tal-*Incorporated Engineer, Chartered Egineer*, u *EUR ING*.

**L-Inġinier Anthony Cachia**, membru tal-Bord fiż-żmien li ġiet deċiża l-applikazzjoni tar-rikorrent, spjega illi biex persuna tingħata *warrant* ta' Inġinier hemm żewġ pre-rekwiżiti, u *cioe`*, il-lat prattiku u dak akkademiku. Fir-rigward tar-rekwiżiti akkademiċi, applikant irid ikollu *degree* fl-inġinerija mill-Universita` ta' Malta jew ekwivalenti. Mistoqsi x'jifhem bil-kelma "ekwivalenti", spjega illi l-kors ekwivalenti irid ikollu l-maġġorparti tas-suġġetti fl-inġinerija u matematika. Jispjega li biex persuna tingħata l-*warrant* irid ikollha *undergradute degree* fl-inġinerija peress li din tagħti l-formazzjoni tal-professjonist. Jispjega li *Masters degree* mhijiex iċ-ċavetta għall-*warrant*. Fir-rigward tas-CEng, jekk persuna tkun ottjenietha permezz tar-rotta akkademika allura l-Bord jara t-transcript u jikkompara dak il-kontenut mal-kontenut tal-BEng. Pero` jispjega li jekk persuna tkun għamlet diversi korsijiet f'livell ta' tekniku, għamlet *Masters degree* u ngħatat t-titolu ta' *Chartered Engineer* jew *Incorporated Engineer*, il-Bord ma jikkunsidrahiex bħala ekwivalenti għal *degree* tal-Universita` fl-Inġinerija. Di piu`, ix-xhud spjega li biex wieħed iżomm it-titoli ta' *Chartered Engineer* u *Incorporated Engineer* irid iħallas miżata kull sena u f'każ li ma tibqax titħallas wieħed ma jistax jibqa' jġib it-titolu wara ismu. Għalhekk isostni li dawn it-titoli mhumiex kwalifiki mentri jekk wieħed jikseb *degree* din m'hi marbuta ma' l-ebda miżata.

Fir-rigward tal-*Masters degree* miksub mir-rikorrenti, ix-xhud spjega li ladarba r-rikorrent ma kellux *a first degree* allura l-Bord qies li r-rikorrent ma kellux il-formazzjoni neċessarja biex jingħata l-*warrant*. Huwa spjega illi anke li kieku l-*Masters degree* kienet miksuba f'suġġetti tal-inġinerija bil-matematika, xorta waħda ma jikkwalifikax għall-*warrant* u dan għaliex kif diġa spjega ikun hemm pass maqbuż. Jispjega li Inġinier jidħol iktar fil-fond fix-xjenza u fil-matematika milli persuna teknika.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi r-raġuni prinċipali għala l-Bord intimat irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent għall-ħruġ tal-*warrant* hija

li ħass li l-kwalifiki akkademiċi li kellu ma kinux ekwivalenti għall-kontenut tal-kors li jwassal għal *degree* fl-Inġinerija mogħtija mill-Universita` ta' Malta.

Għal aħjar intendiment tal-mertu ta' dan ir-rikors, it-Tribunal se jiċċita artikolu 2 tal-Kapitolu 321 tal-Liġijiet ta ta' Malta, kif kien qabel ġie emendat bl-Att XLVIII tal-2021, li kien jistipula li "Inġinier" tfisser ***"persuna li tkun kisbet grad fl-inġinerija mill-Universita` ta' Malta jew minn istitut barrani magħruf bħala ekwivalenti."*** Permezz tal-Att ċitat "Inġinier" tfisser ***"kull persuna li kisbet warrant skont l-artikolu 4 tal-Att."***

Illi peress li l-Bord eżamina l-applikazzjoni tar-rikorrent abbażi tal-liġi kif kienet qabel saru l-emendi tal-2021, it-Tribunal se jeżamina dan l-appell abbażi tal-istess liġi. Madanakollu, artikolu 3 (2) tal-imsemmi Att ma tbiddilx u għalhekk biex persuna tkun tista' teżerċita l-professjoni ta' Inġinier trid:-

a. Tkun ċittadin Malti jew ta' Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tkun xort'oħra intitolata li taħdem f'Malta;
b. Tkun ta' kondotta tajba;
c. Tkun kapaċi għal kollox skont il-liġi; u
d. Tkun tissodisfa lill-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija illi:-
    **i. Ikollha dak il-grad tal-Universita` ta' Malta jew kwalifika akkademika ekwivalenti dwar il-professjoni tal-Inġinerija li t-tnejn li huma fiż-żmien rilevanti, jkunu rikonoxxuta mill-Bord bħala suffiċjenti għall-għoti tal-*warrant*;**
    ii. Għal perjodu ta' mhux inqas minn sena qabel jew wara li tkun otteniet il-kwalifika msemmija tkun għamlet taħriġ prattiku fl-Inġinerija approvat mil-Bord; u
    iii. Għal perjodu ta' mhux inqas minn sentejn wara li tkun otteniet il-kwalifika tkun ħarġet fil-prattika tal-professjoni taħt is-sorveljanza ta' Inġinier li jkun fil-prattika.

Illi mill-provi esebiti mir-rikorrenti fir-rigward tal-kwalifiki tiegħu jirriżulta li kiseb is-segwenti, u *cioe`*:

1. *Master of Science in Sustainable Science* miksub mill-Universita` ta' Malta – MQF Level 7[8]

---

[8] A fol. 80

2. *International Doctoral Pogramme – "Rehabilitation of the Existing Buildings in a Mediterranean Climate"* miksub mill-Universita` ta' Minho ġewwa l-Portugal – MQF Level 8[9]
3. Reġistrazzjoni bħala *Incorporated Engineer* mal-*Institution of Engineering and Technology* ġewwa r-Renju Unit[10]
4. Reġistrazzjoni bħala *Chartered Engineer* mal-*Institution of Engineering and Technology* ġewwa r-Renju Unit[11]
5. It-titolu ta' EUR ING miksub mill-*European Federation of National Engineering Associations*[12]

Illi skont il-linji gwida maħruġa mill-istess Bord fit-8 ta' Ottubru 2018 intitolati *Guidlines for the assessment of Academic Qualifications leading to the Award of a Warrant to Practice of the Engineering Profession* hemm stipulat is-segwenti:

***"Introduction***

*This document serves to guide the assessment panel in evaluating the eligibility of academic qualifications presented by candidates applying for the award of a warrant to practice the Engineering profession.*

***Qualifications Framework***

*The Engineering Board reaffirms its position that courses must be framed under the European Credit Transfer and Accumulation System (ECTS) standard and be within the following academic framework, viz.:*

*a) a minimum of 4-year full-time (240 ECTS at MQF level 6) Bachelors degree in Engineering;*

*or*

*b) a minimum of 3-year full-time (180 ECTS at MQF level 6) Bachelors degree in Engineering recognized by the Board, plus*
*a further minimum of 1 year full-time equivalent (60 ECTS at level 6 [of a sub-level 3 or 4 within the MQF level 6] or higher) leading to an engineering qualification.*

*or*

*c) an academic degree that at the relevant time is recognised by the Board to be equivalent to the above for the purposes of this article.*

***Specific Requirements***

*The Engineering Board further clarifies that:*

1. *The overall 240 ECTS academic training must include a supervised project and dissertation.*

[9] A fol. 81
[10] A fol. 82
[11] A fol. 84
[12] A fol. 115

2. *The 60 ECTS qualifications referred to under (b) above, shall be taught and are to be of a minimum MQF level 6, of which not less than 90% should be Engineering disciplines.*
3. *The 60 ECTS qualifications referred to under (b) above, are to be structured in conjunction with the MQF level 6 undergraduate degree in such a manner to increase the engineer's ability to adapt to the current requirements of the job market.*
4. *The entry requirements to the 180 ECTS or 240 ECTS credit (both at MQF level 6) engineering degree should be such that those holding the requirements would have a reasonable prospect of understanding the learning materials provided and of achieving the programme outcomes.*
5. *Engineering programmes must enable students to achieve the recognised desired outcomes through MQF level 6 academic formation, mainly based on scientific and theoretical knowledge apart from practical skills.*
6. *The method of students' progress and final assessment must be demonstrated to be of sufficient standard and scientific/theoretical rigour. Written exams, projects and other assessment methods should be designed to evaluate the extent to which students can demonstrate achievement of the 240 ECTS at MQF level 6 programme outcomes both throughout the programme and its conclusion.*

***Distance Learning Courses***

*With regard to Distance Learning Programmes, in addition to the above criteria students must demonstrate practical engineering skills acquired through, for example, work carried out in laboratories and workshops, in industry through supervised work experience, in individual and group project work, in design work and in development and use of computer soft skills in design, analysis and control.*

*Additionally, evidence of group working and of participation in a degree project is expected."*

Illi wara li dan it-Tribunal ra d-dokumenti kollha esebiti u sema' x-xhieda jirriżultalu illi l-kontestazzjoni prinċipali ta' dawn il-proċeduri hija jekk il-kwalifiki li għandu r-rikorrent jikkwalifkawhx *o meno* sabiex jingħata l-*warrant* sabiex jipprattika bħala Inġinier hawn Malta. Waħda mill-kontestazzjoniet prinċipali bejn ir-rikorrent u l-Bord intimat hija jekk it-titoli ta' *Chartered Engineer u Incorporated Engineer* mgħotija mill-*Engineering Council* tar-Renju Unit, u t-titolu ta' EUR ING flimkien mal-*Masters degree* għandhomx jiġu meqjusa bħala ekwivalenti għal *first degree* fl-Inġinerija ai fini ta' dak previst f'sub-artikolu 3 (d) (i) tal-liġi fuq imsemmija.

Illi t-Tribunal iqis li jekk il-liġi trid li biex persuna tingħata *warrant* trid tkun għamlet kors fl-Universita` ta' Malta, li allura neċessarjament huwa kors akkademiku, l-ekwivalenti ta' tali kors irid ikun wieħed akkademiku wkoll. Mid-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent, ħlief għall-kwalifika akkademika ta' *Masters degree* u *International Doctoral*

*Programme*, ma jirriżultax xi kwalifiki akkademiċi oħra għandu. Filwaqt li huwa minnu li dawn iż-żewġ kwalifiki huma meqjusa MQF Level 7 u Level 8, liema livelli huma fost l-ogħla livelli akkademiċi li wieħed jista' jkollu, dan ma jfissirx illi huwa awtomatikament jikkwalifika biex jottjeni l-*warrant* ta' Inġinier. L-ewwel u qabel kollox il-Bord ried jara l-kontenut ta' tali kwalifiki akkademiċi u jkun sodisfatt li l-istess kontenut huwa ekwivalenti għall-kontenut fl-inġinerija u l-matematika li jifformaw parti mill-kors offrut mill-Universita` ta' Malta. Illi dan it-Tribunal bl-ebda mod ma ġie konvint li dan fil-fatt hekk hu. L-uniku *trancript* li ppreżenta r-rikorrent huwa dak tal-*Masters degree*. Minn dan it-*transcript* jirriżulta illi hemm numru konsderevoli ta' *credits* relatati mal-Inġinerija. Pero` din id-*degree* ġġorr magħha 90 ECTS. Kwindi ċertament mhix ekwivalenti għall-240 jew 180 plus 60 ECTS rikjesti fil-*guidelines* maħruġa mill-istess Bord u li permezz tagħhom jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tal-kwalifika akkademika li applikant irid ikollu biex jissodisfa dak li tistipula l-liġi. It-Tribunal josserva li ma ġiet prodotta l-ebda *transcript* oħra ta' xi kwalifiki akkademiċi li r-rikorrenti jista' għandu għalkemm fir-rikors promutur jissemma li għandu kwalifiki oħra u *cioe`*:

1. *Industrial Electronics Engineering Diploma* maħruġa mill-Istitut ta' Taħriġ Fellenberg;
2. *Microelectronics T5 Full Tech* ma' *City & Guilds*;
3. *Telecommunication Technician Course*.

Illi fir-rigward tal-kwalifiki ta' *Chartered Engineer* u *Incorporated Engineer* dan it-Tribunal jasal biex jaqbel mal-Bord li dawn ma jistgħux jitqiesu bħala kwalifiki akkademiċi u dan stante li kif spjega l-Inġinier Anthony Cachia, jekk wieħed jieqaf iħallas il-miżata annwali, l-istess titolu jista' jitneħħa. Illi min-naħa l-oħra, kwalifika akkademika ma tista' qatt titneħħa. Madankollu, it-Tribunal iqis li l-mod kif inkisbu l-istess kwalifiki għandu jittieħed in konsiderazzjoni u jekk dan ikun bażat fuq kontenut akkademiku ekwivalenti għal kors ta' Baċellarat fl-Inġinjerija allura l-applikazzjoni tiġi eżaminata abbażi ta' dak il-kontenut ukoll. Pero` l-fatt waħdu li applikant ikun kiseb it-titli hawn fuq imsemmija ma jikkwalifkaħx awtomatikament għall-*warrant* mogħti mill-Bord.

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu ir-rikorrent jiċċita każ ta' għoti ta' *warrant* lil terza persuna li skont hu ngħatat l-istess *warrant* wara li ma kienx ikkwalifika minħabba nuqqasijiet ta' kwalifiki akkademiċi. Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi din it-terza persuna kien applika fl-1998 għall-*warrant*, liema applikazzjonji ġiet rifjutata peress li l-kwalifiki li kellu ma kinux jissodisfax ir-rekwiżiti akkademiċi skond l-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinierija tal-1988. Wara xi diskussjonijiet ulterjuri mal-

Bord din it-terza persuna qagħdet għal eżamijiet ulterjuri mal-*Engineering Council* tal-Ingilterra liema eżamijiet kellhom kontenut akkademiku. Kien wara li din it-terza persuna għamlet perkors akkademiku li eventwalment f'April 2002 ingħata l-*warrant*. Illi t-Tribunal ma jarax illi dan il-każ jista' b'xi mod jiġi mqabbel ma' dak tar-rikorrent. Illi dan it-Tribunal fl-udjenza tat-28 ta' Settembru 2020 staqsa lid-difensur tar-rikorrenti jekk l-istess rikorrent issottomettiex kull dokument rilevanti lill-Bord, bit-tweġiba tkun iva.[13] Għaldaqstant mhux kwistjoni, kif jisħaq ir-rikorrent f'paragrafu 23 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, li l-Bord seta' talab għal iktar informazzjoni. L-informazzjoni li kellu disponibbli r-rikorrent kienet ingħatat lill-Bord u kwindi l-Bord kien f'posizzjoni li jevalwa jekk bl-informazzjoni li kellu quddiemu r-rikorrent kienx jikkwalifika jew le biex jingħata l-*warrant*.

It-Tribunal jirrileva illi l-professjoni ta' Inġinier iġġorr magħha responsabbilita` kbira, fosthom ta' saħħa u sigurta`, u għalkemm persuna jista' jkun li jkollha esposizzjoni vasta fuq il-lant tax-xogħol, dan irid ikun sorrett minn formazzjoni akkademika adegwata li jkollha l-għeruq tagħha f'kors ta' formazzjoni akkademika.

F'dan il-punt it-Tribunal jagħmel referenza wkoll għal paragrafu 19 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrent fejn jagħmel referenza għall-Kapitolu 451 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku Ta' Kwalifiki). It-Tribunal jirrileva illi skont Regolament 22 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 451.03 (Regolamenti Dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku Ta' Kwalifiki Professjonali), liema Leġislazzjoni Sussidjarja implimentat id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kummissjoni Ewropeja 2005/36 kif emendata bid-Direttiva 2006/100:

***"Għandu jkun hemm rikonoxximent ta' provi ta' kwalifiki formali ta' tabib li jagħti aċċess għall-attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku u tabib speċjalizzat, bħala infermier responsabbli mill-kura ġenerali, bħala dentist, bħala dentist speċjalizzat, bħala kirurgu veterinarju, bħala spiżjar u bħala perit, li għalihom jirreferi l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, u kif elenkati fit-Tieni Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifika ta' Perit, u fl-Iskeda I li tinsab mar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Kirurgi Veterinarji, rispettivament, dawk il-provi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ imsemmija fl-artikoli relevanti tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, l-Att dwar il-Periti u l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji rispettivament, u għandu, għall-finijiet ta' aċċess għal, u l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali, jagħti lil dawn il-provi l-istess effett fuq it-territorju Malti bħal dawk il-provi ta' kwalifiki formali li jinħarġu f'Malta stess."***

[13] A fol. 142

Illi għalhekk jekk wieħed jaqra sew l-istess Regolament isib li l-istess qiegħed jitkellem biss fuq numru limitat ta' professjonijiet bħal ma huma dawk fil-qasam tas-saħħa, ta' kirurgi veterinarji u ta' Periti u ma jagħmel l-ebda referenza għall-professjoni ta' Inġinier. Għaldaqstant dan ir-Regolament ma jistax jagħti xi tip ta' konfort lir-rikorrent għax il-professjoni ta' Inġinier mhix waħda minn dawk imsemmija fl-istess Regolament u li għall-kwalifika tagħha għandu jingħata rikonoxximent awtomatiku.

Illi t-Tribunal jagħmel referenza wkoll għal artikolu 3 tal-Kapitolu 451 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula s-segwenti:-

*"Dan l-Att japplika għall-professjonijiet u l-attivitajiet professjonali elenkati fl-Iskeda, b'dan li ebda applikant ma jkollu jedd jeżerċita professjoni regolata jew attività professjonali regolata kemm-il darba ma jwettaqx il-kondizzjonijiet biex jibda jeżerċita jew iwettaq l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni jew attività skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi elenkata fl-Iskeda."*

Illi l-liġi li tirregola l-professjoni ta' Inġinier (Kapitolu 321) hija fost dawk elenkati fl-Iskeda msemmija u għalhekk biex applikant ikollu jedd jeżerċita l-professjoni ta' Inġinier irid neċessarjament iwettaq il-kundizzjonijiet biex jibda jeżerċita l-professjoni tiegħu skond id-disposizzjonijiet tal-istess Att Dwar l-Inġiniera (Kapitolu 321), liema kundizzjonijiet diġa ġew elenkati aktar 'il fuq u liema jirriżulta li ma ġewx totalment sodisfatti fil-każ tar-rikorrent.

Illi l-fehma tat-Tribunal li l-Bord kien korrett fil-mod kif iddeċieda hija iktar imsaħħa meta wieħed iqis l-emendi li saru permezz tal-Att XXIII tal-2009 li emenda l-Kapitolu 321. Qabel dawn l-emendi, artikolu 3 (2) (d) (i) kien jirrikjedi illi biex persuna tkun tista' tikkwalifika għal *warrant*, irid *"ikollha dak il-grad ta' l-Universita' ta' Malta, jew* ***kwalifika professjonali ta' l-Inġinerija***[14] *li, fiż-żmien rilevanti tkun magħrufa mill-Bord li tkun suffiċjenti għall-għanijiet ta' dan l-artikolu*". Bl-emendi msemmija l-kliem "*kwalifka professjonali ta' l-Inġinerija*" ġew imneħħija u mibdula bil-kliem "*jew* ***kwalifika akkademika ekwivalenti dwar il-professjoni tal-inġinerija.***" Illi pero` li hu interessanti hu li anke kif kienet redatta l-liġi qabel l-emendi msemmija, xorta waħda l-istess disposizzjoni ġiet interpretata illi applikant ried ikollu kwalifika akkademika biex jottjeni l-*warrant*, u dan kif affermat fis-sentenza **Kenneth Abela vs Onorevoli Ministru għall-Ambjent et.** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001. F'dan il-każ l-attur ukoll kellu, fost oħrajn, il-kwalifiki ta' *Chartered Engineer u European Engineer*. F'din is-sentenza intqal hekk:

[14] Enfasi tat-Tribunal

*"Issa filwaqt li hu veru li fis-subinċiż 2(d)(1) ta' l-art. 3 il-leġislatur uża l-kliem "kwalifika professjonali ekwivalenti", u mhux il-kelma "grad", din il-Qorti tifhem li din id-distinzjoni ma kienet qatt intiża biex tippermetti l-għoti tal-warrant lil min ma kellux il-kwalifiki akkademiċi. Kienet biss intiża biex tassigura illi min ikollu kwalifiki akkademiċi mogħtija pero' minn istitut barrani magħruf bħala ekwivalenti għall-Universita' ta' Malta, li pero' minħabba l-istruttura istituzzjonali tiegħu ma jkunx jikkonferixxi grad (bl-ingliż degree) imma xi forma oħra ta' rikonoxximent akkademiku taħt xi isem ieħor, tali persuna ma tkunx imċaħħda mill-opportunita' li jingħatalha l-warrant. Pero' din il-Qorti hi sodisfatta, u f'dan m'għandhiex dubbju illi l-kwalifika professjonali ekwivalenti akkwistata minn istitut barrani magħruf, kellha tkun ta' natura akkademika. Altrimenti ma setgħax isir paragun bejn il-grad ta' l-Universita' ta' Malta u dik il-kwalifika. Indubbjament ukoll kien għal kollox fil-kompetenza tal-Bord illi mhux biss jeżamina l-kwalifika professjonali li hu allegat li hi ekwivalenti għall-grad ta' l-Universita' ta' Malta, imma wkoll illi jiddeċiedi fil-kompetenza esklussiva tiegħu li tali kwalifika tkun hekk ekwivalenti sal-punt li tkun magħrufa minnu (mill-Bord) u tkun suffiċjenti għall-għanijiet ta' l-għoti tal-warrant fiż-żmien rilevanti.*

*F'dan l-isfond tidher allura ġusta s-sottomissjoni ta' l-appellati li min jingħata l-warrant biex jeżerċita l-professjoni ta' Inġinier kellu jkun kompetenti li jagħmel hekk fi kwalunkwe kamp ta' l-inġinerija u li, konsegwentement, il-kompetenza, anke akkademika, ta' l-applikant kellha tkun tali li tassigura, li fl-eżerċizzju tal-professjoni ta' inġinier, hu jkollu l-istess preparazzjoni u kompetenza li l-Universita' ta' Malta tesiġi għall-konferiment tal-grad f'din id-dixxiplina."*

Għaldaqstant, it-Tribunal jirrileva illi dan isaħħaħ l-argumenti mressqa mill-Bord intimat, u *cioe`*, li l-kwalifiki li applikant irid ikollu, jekk derivanti minn istitut barrani, iridu jkunu akkademiċi ekwivalenti għall-kontenut tal-kors offrut fl-Universita` ta' Malta.

Illi għalhekk, filwaqt li dan it-Tribunal jagħraf u japprezza l-ħidma tar-rikorrent f'oqsma anke attwali, iqis li d-deċiżjoni tal-Bord intimat kienet waħda raġjonevoli u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, liema deċiżjoni kienet imsejjsa fuq il-liġi u l-linji gwida mfassla minnu stess.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tar-rikorrent u filwaqt li jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Bord intimat, jilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-istess Bord u l-eċċezzjonijiet tal-Ministru kjamat in kawża.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent ħlief għal dawk tal-Ministru kjamat in kawża li għandhom jiġu sapportati mill-Bord intimat.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**